FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 11 TA' LULJU 2017

Il-Pulizija

Spettur Nicholas Vella

vs

Ibrahim Micallef

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' 58200L akkuzat talli:

1. nhar il-Hadd 1 ta' Settembru 2016 ghal habta tat-300 ta' filghodu, flimkien ma persuna ohra u bhala wihed mill-awturi, bil-hsieb li jwettaq serq aggravat bil-hin, bil-mezz u bil-valur minn gewwa 'Belmar Bar' fi Triq il-Halel f'San Pawl il-Bahar, wera b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu bi ksur tal-Artikoli 41, 42, 49, 263, 267, 270, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, flimkien ma persuna ohra u bhala wiehed mill- awturi , ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg ta' haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma' tiskorriex il-valur ta' € 250 ghad-dannu ta' Gregory Steven Harvey u/jew Anthony Camilleri u dan bi ksur tal-Artikoli 42 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Ratl-Artikoli 41, 42, 49, 263, 267, 270, u 289 tal-Kap 9 u l-Artikoli 42 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Li tapplika kontra tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tpoggih taht ordni ta' probation ghal sena mill-lum. U bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tordnalu jhallas id-danni ta' € 250 fi zmien xitt xhur.

A.M. Trigona
Magistrat